MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 300/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Paul Bond)**
**Vs**
**Paolo Antonio Sant**
**William Sant**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Dicembru, 2002, ghall-habta ta' l-4.35 p.m. fi Triq il-Mosta, Naxxar,
1. ghamlu xoghol barra t-triq, barra l-hanut Apollo Auto Service, minghajr licenzja ta' l-awtorita' kompetenti;
2. ikkagunaw inkonvenjent lill-gar Saviour Sciberras.
3. u Paolo Antonio Sant wahdu ma obdiex l-ordnijiet legittimi mghotija lilu minn diversi ufficjali tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju, 2007, li biha, wara

li rat l-artikolu 338 (gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel u t-tieni akkuza w ikkundannathom ammenda ta’ ghoxrin lira Maltija (LM20) kull wiehed.
Ma sabitx lill-appellant Paolo Antonio Sant hati tat-tielet akkuza w illiberatu minnha.
B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannathom ihallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ espert tekniku f’dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fil-31 ta’ Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata w dan billi tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant Paolo Antonio Sant mhux hati ta’ l-akkuza li m’obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn diversi ufficjali tal-Pulizija w tillibera lill-appellanti mill-akkuzi l-ohra.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi w ma saret ebda identifikazzjoni tal-appellanti bhala li kienu huma l-persuni indikati fl-akkuzi; li l-affidavit tal-kwerelant li ghogbu ma jaghtix ix-xiehda tieghu *viva voce*, apparti li m'ghandix tigi moghtija l-piz ta' evidenza , hija nieqsa li tipprova li l-appellanti kienu huma l-persuni li kienu xoghol dak in-nhar tat-18 ta' Dicembru, 2002; li dawn il-proceduri huma preskritti skond il-ligi peress li l-artikolu kontravvenzjonali 338(gg) tal-Kap. 9 huwa wiehed ta' preskrizzjoni trimester (Sic!) illi l-fond hu kopert bil-permessi mill-awtoritajiet kompetenti kif jirrizulta mix-xiehda ta' Maria Sant, liema xiehda giet skartata mill-Ewwel Qorti w li huma ma kienex qeghdin jaghmlu x-xoghol huma fit-triq, salvi aggravji ohra.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2007,

Rat il-verbal li bih Dottor Angelo Farrugia, ghall-appellanti, in vista tan-notamenti fuq il-komparixxi, rrinunzja ghall-aggravju tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravju li l-affidavit tal-kwerelant mhux ammissibbli bhala prova huwa manifestament infondat ghaliex kif jidher mill-verbal a fol. 78 u 93 - dattilografat -tal-process kien gie registrat li :-

*"Bi qbil bejn id-difensuri, x-xiehda tal-parte civile thejjiet minnu stess bil-miktub u qed tigi moqrija u guramentata quddiem il-Perit Tekniku seduta stante."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhek ma jistghux issa l-appellanti jilmentaw li dak li sar ma kienx in regola meta l-avukat taghhom kien ghan-nom taghhom akkwiexxa ghal dak li kien qed isir.

Illi l-aggravji rimanenti kollha jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94]; “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi “** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs.**

**Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991]; “**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza “**R. v. Cooper”** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : “**Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt**”, deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni w dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.”*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom sabet htija fil-konfront tal-appellanti.

Ikkonsidrat;

Illi kif jirrizulta mir-relazzjoni peritali, l-Perit Valerio Schembri, l-fond Apollo Auto Service, Triq il-Mosta, Naxxar, huwa garage li fih isir xoghol ta' *vulcanising* u quddiem dan il-fond hemm speci ta' *drive-in* tal-wisgha tal-faccata tal-istess garage ‘l gewwa mill-bankina li tigi magemb it-triq asfaltata. Il-kwerelant joqghod fil-fond 26, bl-isem Walnut Grove fl-istess triq li l-access ghaliha huwa minn parapett u bieb biswiet l-istess fond tal-imputat Paolo Antonio Sant.(fol. 9).Mix-xiehda ta' Saviour Sciberras (fols. 79 sa 83 tal-process) minnu konfermata bil-gurament quddiem il-perit legali fis-seduta minnu mizmuma fit-28 t' April, 2004, jirrizulta li hu kien ilu isofri inkonvenjent mix-xoghol li kien qed isir fil-garage in kwistjoni li, skond l-istess xhud, kien isir barra l-hanut, fit-triq u mhux biss quddiem il-hanut imma ukoll madwar id-dar tieghu. Hemm jahdmu l-appellanti. Hu kien ghamel diversi rapporti lill-Pulizija w lill-Kunsill lokali w xehed id-dati li fihom kien ghamel dawn ir-rapporti. Ha diversi ritratti w anki video. Kien ghamel rapport iehor fit-18 ta' Dicembru, 2002, li fuqu l-Pulizija harget l-akkuza odjerna. Xehed a fol. 79 li dawn l-inkonvenjenzi saru fit-18 ta' Dicembru, 2002 u ghadhom isiru ta' kulljum u ta' kull hin, irrispettivament mill-hinijiet tal-mistrieh ta' wara nofs in-nhar u dan mis-sinjuri Sant - cioe' l-appellanti.

Illi l-appellanti ma ressqu ebda prova biex jichdu l-akkuzi kontra taghhom u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li legittimament u ragjonevolment tikkonkludi li fid-data imsemmija fic-citazzjoni huma kienu qed jahdmu barra mill-fond taghhom u dana b' inkonvenjent ghall-parte civile.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-Ewwel Qorti dwar il-fatti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------